# L-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinità

## tagħlaq 30 Sena - 1975 - 2005

■ Sa mill -bidu tal-parroċċa tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa kien hawn irġiel u żgħażagħ li kienu jieħdu ħsieb il-festa ta' barra billi jżejjnu t-toroq, iġibu l-baned u jinħaraq il-logħob tan-nar. Dan l-interess wassal biex bdew isiru l-kumitati tat-toroq ħalli jkabbru l-festa ta' barra. Fost l-oħrajn ta' min isemmi l-kumitati ta' Triq Zerafa, Triq il-Marsa u l-inħawi, Triq San Pawl u oħrajn.

Dawn il-kumitati tat-toroq taw sehemhom sewwa għall-festa titulari esterna. Fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor il-kumitati ppruvaw jingħabru taħt l-isem ta' "Holy Trinity Feast Committee Marsa". Dawn damu sa l-1968 meta l-festa ma' saritx bħala protesta minħabba l-kwistjoni tal-vara titulari u s-sena ta' wara sar ir-referendum li kien deċiż u l-kumitat irriżenja kollu.

Wara ġew imsejħin xi membri ta' l-għaqdiet reliġjużi biex jgħinu fil-festa ta' barra għalkemm kien fadal xi ndividwi li baqgħu jieħdu ħsieb it-toroq tagħhom. Il-festa bdiet sejra lura u ġie deċiż li dawk kollha li jiġbru u jieħdu ħsieb it-toroq tagħhom jingħaqdu flimkien u jiffurmaw l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinità Marsa. Kien eżatt nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju 1975 li din ġiet iffurmata. Ġie miftuħ il-lokal ta' l-Għada Festi Esterni SSma. Trinità, l-ewwel taħt l-uffiċċju tal-Kappillan u wara taħt il-Knisja Parrokkjali ħalli l-Għaqda jkollha ċ-ċentru tagħha fejn setgħet tlaqqa' l-membri. Il-festa reġgħet bdiet tqum fl-organiżżazzjoni tagħha u fl-1977 saret dimostrazzjoni bl-istatwa tat-Trinità Qaddisa ta' Triq il-Marsa.

Din id-dimostrazzjoni bl-istatwa fil-marċ ta' l-aħħar kienet imbuttatura 'l quddiem biex jinġieb il-permess mill-Vatikan ħalli l-parroċċa tas-SSma. Trinità fil-Marsa jkollha l-vara tagħha. Fil-fatt, f'Novembru ta' dik is-sena, ħareġ il-permess u sena wara fl-1978 inħarġet il-purċissjoni bl-istatwa ta' barra u r-reffiegħa tagħha kienu kollha membri ta' l-Għaqda tal-Festa u hekk għadhom sal-lum.

L-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinità ħadet sehem attiv ferm fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' meta nġiebet il-vara titulari minn Balzano l-Italja bit-tħabrik tal-Kappillan Patri Diego Theuma Kapuċċin f'Ottubru ta' l-1979. Is-sena ta' wara, propju 25 sena ilu saru festi kbar meta l-vara l-ġdida skolpita fl-injam ħarġet proċessjonalment fit-toroq Marsin fl-1980.

Il-membri ta' l-Għaqda taw is-sehem tagħhom fit-twaqqif tal-monument tal-koppja Balbi u fil-festi tal-75 sena tal-parroċċa u tal-konsagrazzjoni tal-Knisja fl-1992. Fis-sena 1990 fil-Għaqda twaqqfet is-Sezzjoni Żgħażagħ Festi Esterni SSma. Trinità eżatt 15-il sena ilu. Fl-1995 twaqqfet is-Sezzjoni Sports u fl-1997 dik tas-Sezzjoni ta' "Helpers Nisa". L-iskop prinċipali ta' l-Għaqda huwa li torganizza l-festa esterna xierqa.

Ħaġa li ppruvat tagħmel kemm bl-armar sabiħ ta' pavaljuni, bandalori, pedestalli u statwi li jsebbħu l-Marsa fil-festa li mpossibbli nagħtu dettalji fuqhom f'din il-kitba, li jinġiebu l-baned u tieħu ħsieb il-logħob tan-nar skond il-ħtieġa. Fis-sena 2000, l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinità iċċelebrat il-25 sena mit-twaqqif tagħha b'quddiesa ta' radd il-ħajr, Akkademja Mużiko-Letterarja fejn indaqq l-Innu l-Kbir ta' Casapinta mogħti lill-Għaqda mill-ex-membri tal-Kumitat ta' Triq Zerafa, attivitajiet reliġjużi u rikreattivi.

F'dawn l-aħħar snin, l-Għaqda għaddiet minn prova iżda bil-għajnuna t'Alla, kollox għadda. Din is-sena l-Għaqda qed tiċċelebra t-30 sena tagħha u tifraħ li l-vara titulari preżenti għalqet 25 sena minn kemm ilha toħroġ proċessjonalment fil-Marsa.

**L-GHAQDA FESTI ESTERNI SSMA. TRINITÀ**
**TIXTIEQ TAWGURA L-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD**